



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14457/19

DEVGEN 214
COHAFA 100
ACP 137
RELEX 1091
SUSTDEV 166
ALIM 14
AGRI 568
FAO 53
SAN 482

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13722/19	
Suġġett:	Ir-Raba' Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Raba' Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni, kif adottati mill-Kunsill fit-3732 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Novembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Raba' Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni

1. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ġuħ u l-malnutrizzjoni fil-forom kollha tagħhom jikkostitwixxu wieħed mill-akbar ostakli globali għall-kisba tal-biċċa l-kbira tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u għal żvilupp ekonomiku u soċjali ekwu¹ peress li nutrizzjoni ħażina hija fattur ewlieni tal-inugwaljanza fiha nnifisha. Il-Kunsill jinnota bi tħassib it-tendenzi negattivi fl-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni² u jissottolinja l-ħtieġa li titħaffef l-azzjoni biex jintlaħaq l-SDG 2 biex jintemmu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni fil-forom kollha tagħhom. It-tendenza ta' żieda tal-ġuħ fid-dinja, wara deċennji ta' tnaqqis stabbli, tenfasizza l-isfida kbira biex tintlaħaq il-mira ta' Ġuħ Zero sal-2030. Bħalissa, 820 miljun persuna jbatu minn nuqqas ta' nutrizzjoni kroniku.
2. Bħalissa, 149 miljun tifel u tifla taħt l-età ta' ħames snin ibatu minn nuqqas ta' żvilupp, filwaqt li l-ħajja ta' 49 miljun tifel u tifla fl-istess grupp ta' età għadha mhedda b'malnutrizzjoni akuta. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju r-riduzzjoni fir-ritmu tat-tnaqqis tan-nuqqas ta' żvilupp u d-differenzi fil-progress bejn pajjiżi sħab u madwar ir-reġjuni, b'mod partikolari l-Afrika u n-Nofsinhar tal-Asja. Il-Kunsill jinsab imħasseb ħafna wkoll dwar l-iżvilupp ta' "piż triplu tal-malnutrizzjoni" — nuqqas ta' nutrizzjoni, nuqqas ta' mikronutrijenti u piż żejjed u obeżità — madwar id-dinja, b'tal-anqas terz tal-popolazzjoni globali li qed tesperjenza forma waħda ta' malnutrizzjoni jew aktar. Fl-istess ħin, l-intensifikazzjoni ulterjuri tal-impatt tat-tibdil fil-klima u tal-kriżijiet ekoloġiċi ser tiggrava l-isfidi eżistenti għas-sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni adegwata għal kulħadd.

¹ B'telf ekonomiku attribwibbli għal nuqqas ta' nutrizzjoni ekwivalenti għal 11 % tal-PDG fl-Afrika u fl-Asja (jew madwar \$ 3.5 triljun fis-sena) u 2.8 % tal-PDG globali (jew madwar \$ 2 triljun fis-sena) għall-obeżità.

² Global report on Food Crisis 2019 <https://www1.wfp.org/publications/2019-global-report-food-crises>. The State of Food Security and Nutrition in the World, July 2019. Joint report by FAO, IFAD, UNICEF, WFP and WHO. The State of the World's Children 2019: Children, food and nutrition. UNICEF. (Rapport globali dwar il-Kriżi tal-Ikel 2019. Il-Qagħda tas-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni fid-Dinja, Lulju 2019. Rapport kongunt mill-FAO, l-IFAD, il-UNICEF, id-WFP u d-WHO. Il-Qagħda tat-Tfal fid-Dinja 2019: It-tfal, l-ikel u n-nutrizzjoni).

3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet rilevanti preċedenti tiegħu u l-impenn sod tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jtemmu l-għu u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni f'konformità mal-Aġenda 2030, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u l-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, kif ukoll lejn l-issodisfar tad-dritt għal ikel adegwat. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' r-Raba' Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar in-Nutrizzjoni³ u l-analiżi ppreżentati dwar l-effettività ta' interventi relatati man-nutrizzjoni.
4. Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġaw pajjiżi sħab, kif ukoll partijiet ikkonċernati lokali, nazzjonali u reġjonali biex jibnu għajxien reżiljenti, isaħħu s-sistemi tal-ikel lokali f'żoni fejn hemm nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, isaħħu l-eżiti nutrizzjonali kif ukoll itejbu s-sistemi ta' sigurtà soċjali. Bħala prijorità għall-kooperazzjoni internazzjonali, l-investimenti għat-titjib tan-nutrizzjoni jsaħħu l-kapaċità fiżika, konjittiva u produttiva kif ukoll il-benesseri tal-individwi. Il-Kunsill jilqa' l-kisba tal-Kummissjoni ta' 87 % tal-impenn finanzjarju tagħha li talloka EUR 3.5 biljun għan-nutrizzjoni bejn l-2014 u l-2020, u jhegġegħ sforzi persistenti biex tiġi żgurata l-mira b'mod sħiħ. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li sal-2025 ser jiġi evitat li 4.9 miljun tifel u tifla jkunu jbatu minn nuqqas ta' żvilupp fil-pajjiżi li jagħtu prijorità lin-nutrizzjoni, u dan jirrappreżenta progress li ta' min ifaħħru lejn l-oġettiv li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' żvilupp b'mill-inqas 7 miljuni sal-2025.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' żvilupp huwa r-riżultat ta' interazzjonijiet kumplessi bejn diversi fatturi sottostanti u jilqa' l-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni ma' korpi ta' riċerka biex jiġi vvalutat aħjar kif l-assistenza tal-UE qed tikkontribwixxi lejn bidliet fin-nuqqas ta' żvilupp. Il-Kunsill, għalhekk, jissottolinja l-importanza li tiġi indirizzata l-multipliċità ta' fatturi li jixprunaw it-tnaqqis tan-nuqqas ta' żvilupp, b'mod partikolari l-interazzjoni tad-dħul u l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa, is-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-opportunitajiet tax-xogħol, is-saħħa, l-ilma u s-sanità. Il-monitoraġġ ta' dawn il-fatturi sottostanti permezz ta' indikaturi xierqa huwa ta' importanza ewlenija.

³ 11850/19 - SWD (2019) 321 final.

6. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza kbira li jiġu protetti, promossi u appoġġati t-treddiġh esklużiv u ikel komplementari xieraq, b'mod li jiġi żgurat li l-isforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni jkunu mmirati għat-trabi u t-tfal żgħar, sabiex jiġu salvati madwar 820 000 ħaġġa ta' persuni ta' età żgħira fis-sena. In-nutrizzjoni tat-tfal waqt l-ewwel 1 000 jum mit-tqala sat-tieni sena hija ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp tal-moħħ, is-saħħa tul il-ħajja kollha tat-tfal, il-benesseri u l-kapaċità li jibnu ħiliet u jaqilgħu l-għajxien tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota wkoll bi tħassib li ma sar l-ebda progress globalment fl-indirizzar tar-rata għolja ta' anemija fost in-nisa ta' età riproduttiva⁴.
7. Bħala parti minn approċċ olistiku dwar is-saħħa, is-sigurtà soċjali u l-edukazzjoni u filwaqt li jirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' xbieki ta' sikurezza soċjali bħal ikliet nutrittivi fl-iskejjel, f'kuntesti speċifiċi, għall-promozzjoni ta' drawwiet alimentari tajbin għas-saħħa u b'hekk jgħinu biex tintemm il-malnutrizzjoni fil-forom kollha tagħha.
8. Il-Kunsill jappoġġa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-rapport, b'mod partikolari:
- a) **It-tisħiħ tat-tfassil ta' programm f'diversi setturi.** Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġi aċċellerat it-tnaqqis tan-nuqqas ta' żvilupp billi jiżiedu interventi multisettorjali, inkluż dawk iffukkati fuq is-settur tas-saħħa u fuq is-sistema alimentari, li huma sensittivi għan-nutrizzjoni, li jkunu bbażati fuq id-drittijiet u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Teorija tal-bidla bbażata fuq l-evidenza għandha tiġi kkunsidrata bħala prekundizzjoni għat-tfassil ta' programm effettiv kif ukoll l-użu ta' indikaturi xierqa.
- b) **It-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-perkorsi tan-nutrizzjoni u tal-ġeneru.** Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi relatati man-nutrizzjoni, sabiex l-involvement tan-nisa fis-sistemi tal-ikel jirriżulta f'benefiċċji u progress li jsaħħu lil xulxin fir-rigward tal-forom kollha ta' malnutrizzjoni.

⁴ Global Nutrition Report (Rapport Globali dwar in-Nutrizzjoni) (2019), <https://globalnutritionreport.org/nutrition-profiles/>

- c) **L-iżvilupp tal-kapaċità ta' nutrizzjoni ta' istituzzjonijiet domestiċi u sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.** Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għal approċċ aktar strateġiku għall-iżvilupp ta' kapaċità relatata man-nutrizzjoni u t-tisħiħ tas-sistema għall-implimentazzjoni effettiva ta' strateġiji, politiki u pjanijiet nazzjonali dwar in-nutrizzjoni.
- d) **It-tisħiħ tas-sħubiji mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet multilaterali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet dwar in-nutrizzjoni bbażati fuq il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni.** Minbarra l-ingranaġ tal-finanzjament, is-sħubiji ser isaħħu l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza tal-azzjonijiet tas-sħab u jsaħħu l-involvement fi djalogi nazzjonali dwar il-politika dwar in-nutrizzjoni, inkluż l-appoġġ għal proċessi fil-livell sottonazzjonali.
- e) **Il-bini tar-reżiljenza billi tissaħħaħ ir-rabta umanitarja, tal-iżvilupp u tal-paċi għat-titjib tan-nutrizzjoni.** Il-Kunsill ifakkar fil-livelli għoljin ta' malnutrizzjoni akuta u kronika fit-tfal li jgħixu f'ambjenti fraġli u f'ambjenti ta' kunflitt. L-isforzi umanitarji, ta' żvilupp u ta' konsolidazzjoni tal-paċi huma komplementari u għandhom isaħħu lil xulxin sabiex jirrispondu għal sitwazzjonijiet volatili. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex taħtaf l-opportunitajiet biex jissaħħu aktar ir-rabtiet bejn il-pjanijiet ta' żvilupp u dawk umanitarji dwar in-nutrizzjoni biex jiġu promossi komunitajiet reżiljenti u jiġu indirizzati l-fatturi ewlenin tal-malnutrizzjoni. It-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-bini ta' reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu applikati bħala kwistjoni trasversali. Barra minn hekk, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-rabtiet bejn il-kunflitt armat, l-insigurtà tal-ikel u t-theddida ta' karestija, u li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jtejbu l-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 2417 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

9. Abbażi ta' evidenza li qed tikber dwar l-interrelazzjoni bejn il-forom kollha ta' malnutrizzjoni, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2018 li stiednu lill-Kummissjoni biex "tipproponi revizzjoni tal-qafas ta' politika tal-2010 dwar is-sigurtà tal-ikel u l-qafas ta' politika tal-2013 dwar in-nutrizzjoni". Dan isostni u jsaħħa il-kisbiet fl-avvanz ta' dieti tajbin għas-saħħa u sistemi tal-ikel sostenibbli f'dinja li qed tinbidel b'mod mgħaġġel billi jżid l-investimenti sensittivi għan-nutrizzjoni, filwaqt li jnaqqas l-impatt negattiv fuq il-klima u l-ambjent kif ukoll inaqqas u jtaffi l-impatt tat-tibdil fil-klima. Dan għandu jsir skont l-approċċ u l-ispirtu tal-Aġenda 2030. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota li l-bini ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u ta' xejriet nutrizzjonali tajbin għas-saħħa huwa wieħed mill-punti ta' dħul identifikati fir-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali tal-2019 skont liema azzjoni ffukata u kollaborattiva minn diversi partijiet kkonċernati tista' taċċellera l-progress lejn l-SDGs.
10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex iżżomm u tintensifika l-involvement tagħha fil-livell globali, inkluż fis-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabbir fl-2020 u billi tippromwovi d-Deċennju ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll eżitu ambizzjuż tal-Linji Gwida Volontarji dwar is-Sistemi tal-Ikel u n-Nutrizzjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex tinvolvi ruħha fis-Summit dwar is-Sistemi Alimentari tan-NU li għandu jsir fl-2021 bil-ħsieb li jitħaffu l-isforzi biex jintlaħaq l-SDG 2.
11. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-impenn tiegħu għal programmar konġunt imsaħħa biex jiżgura koerenza u allinjament akbar fost l-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jiġi żgurat li n-nutrizzjoni tibqa' fil-qalba tal-aġenda tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Dawn l-isforzi kkoordinati għandhom ikunu mmirati lejn dawk ir-reġjuni u l-pajjiżi fejn hemm l-akbar bżonnijiet.